MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru: 5/2020/1LM

**Kunsill Lokali Gżira**
*('Ir-ritrattand')*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Ippjanar (ġia l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u l-kjamat in kawża Simon Muscat (K.I. nru 119575M)**
*('Ir-ritrattati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa rikors ta' ritrattazzjoni magħmul mill-appellant l-**Kunsill Lokali Gżira** [minn issa 'l quddiem 'il-Kunsill ritrattand'] wara s-sentenza tal-appell ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2020, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza impunjata'], li permezz tagħha ddeċidiet billi

ċaħdet l-appell tiegħu fil-konfront tal-appellati l-**Awtorità tal-Ippjanar** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità ritrattata'] u **l-kjamat fil-kawża Simon Muscat (K.I. Numru 119575M)** [minn issa 'l quddiem 'il-kjamat fil-kawża ritrattat' u flimkien 'ir-ritrattati'], filwaqt li kkonfermat d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-2 ta' Lulju, 2020, [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal' u 'id-deċiżjoni tat-Tribunal' rispettivament], bl-ispejjeż kontra l-Kunsill ritrattand.

## Fatti

Il-fatti ta' dawn il-proċeduri jirrigwardaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjannar għall-approvazzjoni tal-applikazzjoni għall-iżvilupp bin-numru PA/2000/99, li kienet ġiet ippreżentata mil-kjamat fil-kawża ritrattat, u li kienet titlob għal *"re-allocation of existing service station due to road widening exercise. The project also includes the decommissioning of the existing fuel station. The new fuel station will be approximately 100 metres down the road from the existing site"* u dan fir-rigward tal-*Manoel Island Service Station,* Triq ix-Xatt, Gżira. Il-Kunsill ritrattand kien appella minn din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal, li permezz tad-deċiżjoni tiegħu tat-2 ta' Lulju 2020 ċaħad l-appell tiegħu.

## Mertu

3. Il-Kunsill ritrattand intavola proċeduri tal-appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal quddiem din il-Qorti diversament preseduta permezz tal-preżentata ta' rikors fit-22 ta' Lulju, 2020, fejn talab sabiex titħassar u tiġi revokata d-

deċiżjoni tat-Tribunal u jingħataw dawk il-provedimenti kollha li jidhrilha xierqa u ġusti.

4. L-Awtorità ritrattata wieġbet fis-17 ta' Awwissu, 2020 billi filwaqt li ssottomettiet li l-appell interpost mill-Kunsill ritrattand kien wieħed frivolu u vessatorju, u anki saħansitra irritu u null, għal dawk ir-raġunijiet li fissret fit-tweġiba tagħha, sostniet li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija korretta u għandha tiġi kkonfermata.

5. Il-kjamat fil-kawża ritrattat wieġeb fid-9 ta' Settembru, 2020 fejn talab sabiex l-appell intavolat mill-Kunsill ritrattand jiġi miċħud u b'hekk tiġi kkonfermata d-deċiżjoni tat-Tribunal.

**<u>Is-Sentenza tal-Appell</u>**

6. Din il-Qorti kif diversament preseduta waslet għas-sentenza tal-appell wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dawn il-proċeduri:

> *"Qabel mal-Qorti tikkunsidra l-aggravji tal-appellant għandha tiġi kunsidrata l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità li l-appell hu msejjes fuq riapprezzament ta' fatti u interpretazzjoni tal-*policies *u dan mhux ammissibbli. Għalkemm bħala prinċipju din il-Qorti taqbel mal-Awtorità iżda ħarsa anki superfiċjali lejn wħud mill-aggravji tal-appellant iwasslu lil din il-Qorti għal fehma illi l-appellant qed jilmenta minn kunsiderazzjoni ta' fatti li huma żbaljati u applikazzjoni jew nuqqas ta' applikazzjoni ta'* policies *speċifiċi abbinati mal-fatti kif verament kellhom jirriżultaw lit-Tribunal. Jekk dan hu minnu l-appell żgur jirrigwarda punt ta' liġi kif sostniet kemm-il darba din il-Qorti. Jekk it-Tribunal ikun sostna l-konsiderazzjonijiet tiegħu fuq fatti li*

*irriżultaw żbaljati u li per konsegwenza inducewh japplika liġijiet, pjanijiet jew* policies *żbaljati jew invece ma ikkunsidrax il-liġijiet, pjanijiet jew* policies *abbinati għal fatti kif trattati, dan hu punt ta' liġi għax id-deċiżjoni tkun sostanzjalment strieħet fuq żball ta' liġi jew nuqqas ta' użu tal-liġi, pjan jew* policy *relatata mal-każ.*

*Għalhekk l-aggravju safejn jaffettwa dawk l-aggravji kif fuq ingħad qed jiġi miċħud.*

***L-ewwel aggravju***

*Jibda biex jingħad li dan il-permess hu l-konsegwenza ta' talba ta' rilokazzjoni magħmula fl-1999 ta' pompa tal-petrol eżistenti biswit it-triq li tagħti għal Manoel Island u t-triq prinċipali tax-Xatt Ta' Xbiex u Sliema. Din it-talba saret billi f'dak il-perijodu kien jidher li ser isir proġett ta' triq li minn Triq Reġjonali kienet ser twassal sa Marina Street, Gżira bir-*'resiting of exisitng petrol station and kiosk' *magħrufa bħala* Manoel Island Project *(PA6798/99) liema żvilupp kien approvat fl-1999. Dan il-permess ġie revokat fit-13 ta' Settembru 2002 u ma jidher li sar xejn aktar dwaru jew floku. L-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell PA2000/99 ġiet ripublikata f'Marzu 2019.*

*L-appellant sostna illi l-pompa tal-petrol fi ġnien pubbliku u ta' rikreazzjoni protetta parti minnu klassifikat bħala* public open space *(ara mappa GT1 fil-pjan lokali NHLP) jikser l-iSPED u illi r-raġuni tal-bżonn tar-rilokazzjoni minħabba twessiegħ tat-triq ma għadhiex teżisti billi l-*Manoel Island Project *ġie rtirat fl-2002.*

*Il-Qorti tqis illi l-appellant mhux korrett fil-fatti li fuqu jibni dan l-aggravju. Jibda biex jingħad illi kif rilevat mill-Awtorità s-sit fejn qed jiġi propost ir-rilokazzjoni, għalkemm fattwalment illum jifforma parti minn ġnien pubbliku però fil-pjan ta' struttura tal-1992 kien ġia maħsub reġenerazzjoni taż-żona (ara policy RDS4 dwar* links and major improvements from Regional Road to Sliema and Gżira*). Meta sar il-pjan lokali dettaljat għaż-żona u saret il-pjanta fil-pjan lokali fl-2005, dik magħrufa bħala pjanta GT1, l-ispazju riservat għal pompa ma ġiex inkluż fil-parti kulurita aħdar desinjat bħala* 'public open space' *minħabba li kien ġia maħsub ir-rilokazzjoni tal-istess pompa minħabba l-*junction improvement*. Il-Qorti tqis li kif ġustament irrilevat id-difensur tal-appellanti hemm però* 'overlapping' *ta' xi 43 metri kwadri li qed jirkbu fuq il-parti markata bħala* 'public open space'*. Dawn il-fatti ixejnu l-pretensjoni tal-appellant li r-rilokazzjoni qed issir f'żona protetta skont il-pjan lokali. Dan ma jirriżultax ħlief għal parti żgħira. Il-fatt li għal diversi snin il-parti fejn ġie mitlub il-permess tar-rilokazzjoni intużat bħala ġnien pubbliku ma tistax ixxejjen dak li ried inizjalment il-pjan lokali fejn tħalliet barra din iż-żona maħsuba għar-rilokazzjoni. Ir-referenza għal diversi objettivi iSPED magħmula mill-appellant għalkemm għandhom l-importanza tagħhom però huma fil-maġġor parti prinċipji li*

*għandhom jirregolaw l-iżivlupp b'mod ġenerali u kull żvilupp imbagħad irid jiġi kunsidrat fuq il-mertu proprju tiegħu basta ma tiġix vjolata* policy *ċara u inekwivoka li tirreferi għall-iżvilupp in kwistjoni. F'dan il-każ ir-rilokazzjoni ħlief għal parti żgħira, qed issir f'żona fejn ilu pjanat u proġettat għal dan l-iskop għal* circa *għoxrin sena u hu indikat fil-pjan lokali bl-esklużjoni tiegħu bħala parti mill-*public open space.

*In kwantu għal dik il-parti tal-aggravju fejn l-appellant isostni li ma għadu jeżisti ebda proġett li jinneċessita r-rilokazzjoni tal-pompa tal-petrol, il-Qorti tqis li fl-istess mappa GT1 is-sit attwali tal-pompa ġie indikat bħala parti mis-sit fejn ser issir* Junction Improvement *(ara mappa TR1 esebita mill-applikant fl-appell) u ġie indikat mill-istess applikant permess PA9407/17 li emenda PA1235/94 rigward il-*Manoel Island Master Plan *fejn l-Awtorita tat-Trasport reġgħet irreferiet għar-*roundabout junction *fejn hemm is-sit preżenti tal-pompa tal-petrol. L-applikant stess sostna li l-appellant li kien fuq il-Bord tal-Awtorità ma oġġezzjonax għal tali permess. Di più saret applikazzjoni PA3920/20 biex jibdew ix-xogħlijiet.*

*Għalhekk l-aggravju tal-appellant kif magħmul ma jistax jintlaqa'.*

***It-tieni u t-tielet aggravji***

*It-tieni aggravju jkompli mal-ewwel wieħed. Hu minnu illi hemm parti żgħira ħafna mill-*public open space *li ser tiġi inkluża fil-pompa tal-petrol però l-Qorti tqis li l-policy 9.4 qed tirreferi għal żviluppi fuq* urban open space *però dan fil-fehma tal-Qorti mhux dak li jrid jxekkel il-policy 9.4 u f'kull każ il-parti li ser tinvadi l-*public open space *hi żgħira ħafna u għaliha għandu japplika l-prinċipju* de minimis.

*Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud.*

*It-tielet aggravju wkoll japplika għalih dak li ġia intqal fl-ewwel u t-tieni aggravji. Is-sit hu ġia kommess mil-*local plan *u għalhekk ir-referenza għal NHRL06 hu irrelevanti f'dan il-kuntest partikolari. In kwantu għal konsiderazzjonijiet ta' natura fattwali u teknika, dan mhux il-kompitu tal-Qorti li tidħol fihom u t-Tribunal qies dan l-ilment mill-*punto di vista *fattwali u teknika u wasal għal konklużjoni differenti minn dak tal-appellant.*

*Għalhekk anki dan l-aggravju qed jiġi miċħud.*

***Ir-raba' u s-sitt aggravji***

*Dan l-aggravju kien ikollu rilevanza li kieku l-għażla tar-rilokazzjoni saret mill-applikant iżda jirriżulta mill-fatti a dispozizzjoni tal-Qorti illi r-rilokazzjoni kienet ġiet indirizzata mill-awtoritajiet konċernati u kif intqal kemm fil-pjan ta' struttura kemm fil-pjan lokali tħalla sit uffiċjalment inutilizzbbli fejn għandha tiġi rilokata l-pompa*

*tal-petrol meta jsir il-proġett ta' dak li llum hu twessiegħ ta' toroq* u junction improvement. *Għalhekk dak li jingħad f'paragrafu 4.3a tal-*Fuel Station Policy 2015 *ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni f'sitwazzjoni simili li hi indirizzata* ad hoc *fil-pjan lokali li għadu viġenti. Il-kobor tal-pompa li dwarha hemm diverġenza konsiderevoli bejn l-appellant u l-applikant, aspetti ambjentali u viżwali u l-impatt li ser jikkrea huma kollha fatturi tekniċi mhux legali. In kwantu għal kwistjoni tal-ġibjun u l-biża' ta' għargħar u* soil sealing*, din il-Qorti tqis li r-referenza għal* policy P47 *tad-DC2015 mhix applikabbli għax l-applikazzjoni kellha tiġi kunsidrata fuq il-provedimenti tal-linji gwida DC07 skont ma hemm fl-*interim transitory provisions *tal-istess fejn applikazzjonijiet validati qabel id-DC15 iżda għadhom qed jiġu kunsidrati għandhom jiġu proċessati skont id-DC07. Il-pubblikazzjoni mill-ġdid tal-applikazzjoni fl-2019 ma biddel xejn mill-istat fattwali tal-applikazzjoni iżda kienet tfisser biss avviż għall-pubbliku biex ikun mgħarraf li l-applikazzjoni ser tkompli tiġi kunsidrata. It-Tribunal xorta qies l-ilmenti tal-appellant fuq dawn il-kwistjonijiet li din il-Qorti ma tistax tikkontradiċi billi huma punti tekniċi li fuqhom il-Qorti ma għandhiex tintrometti sakemm ma jiksrux pjan, liġi jew policy li mhux il-każ.*

*Għalhekk dan l-aggravju qed jiġi miċħud.*

***Il-ħames aggravju***

*Dan l-aggravju hu bla siwi. Ma hemm xejn fil-liġi li jipprojbixxi t-tqassir taż-żmien għar-reġistrazzjoni ta' interess pubbliku. Madankollu t-Tribunal qies li t-tul li ħadet din l-applikazzjoni kellu jittieħed in konsiderazzjoni u għalhekk qies raġonevoli t-tqassir tat-terminu skont ma tippermetti l-liġi. Ma irriżultax li xi parti sofriet xi preġudizzju li ma setax jissewwa b'dan it-tqassir.*

*L-aggravju hu għalhekk miċħud.*

***Is-seba' aggravju***

*Dan l-aggravju hu wieħed ġeneriku ħafna. Ma jistax jintqal li t-Tribunal ma qies l-aggravji ta' kunsiderazzjonijiet materjali dwar ambjent, estetika u sanitarji safejn dawn kienu in linea mal-parametri li dwarhom seta' jiddeċiedi t-Tribunal. Ħarsa lejn l-aggravji kollha mressqa mill-appellant, juru li t-Tribunal indirizzahom dejjem fl-isfond tal-pjan lokali u* policies *applikabbli. Jista' jkun li parti ma taqbilx mar-raġunament li waslu għal ċerti konklużjonijiet iżda dan mhux legalment appellabbli. Ma jistax jingħad li t-Tribunal injora l-aggravji magħmula. F'ċerti konsiderazzjonijiet kien skjett però dan ma jfissirx li ma indirizzax l-ilmenti. Di più ċerti lmenti għandhom jiġu indirizzati mhux mit-Tribunal iżda mid-dipartimenti speċifiċi li l-iżvilupp ser jolqot bħal dawk sanitarji, ta' trasport, estetiċi u ambjentali fejn kull*

*dipartiment li jqis li l-applikant mhux isegwi skrupolożament il-permess jista' jintervjeni u juża l-mezzi kollha biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet. Il-permess ma jagħtix* carte blanche *biex l-iżviluppatur jagħmel li jrid fl-esekuzzjoni tal-permess.*

*Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud."*

**<u>Ir-rikors</u>**

7. Permezz tar-rikors tiegħu, il-Kunsill ritrattand qed jikkontendi li hemm lok għal ritrattazzjoni mis-sentenza tal-appell abbażi tas-subinċiżi (e), (k) u (l) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, għar-raġunijiet li jfisser fl-imsemmi rikors.

8. L-Awtorità ritrattata wieġbet fit-8 ta' Frar, 2021 fejn issostni li r-rikors tal-Kunsill ritrattand huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, għaliex ma jeżistux raġunijiet li minħabba fihom għandha tiġi mħassra s-sentenza tal-appell.

9. Il-kjamat fil-kawża ritrattat wieġeb fil-15 ta' Frar, 2021, fejn huwa wkoll qed isostni li r-rikors ta' ritrattazzjoni huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u stante l-irritwalità tiegħu wkoll, dan għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-kapijiet rispettivi li fuqhom il-Kunsill ritrattand qed jinsisti li hemm lok għal ritrattazzjoni, filwaqt li tqis ukoll l-argumenti miġjuba mir-ritrattati fejn dawn qed jinsistu li ma jeżistu l-ebda raġunijiet validi sabiex tiġi milqugħa t-talba tal-Kunsill ritrattand.

*Applikazzjoni ħażina ta' liġi*

11. L-ewwel ilment tal-Kunsill ritrattand taħt dan il-kap huwa li din il-Qorti m'applikatx il-provvedimenti tal-iStrateġija Spazjali dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp *(Strategic Plan for the Environment and Development (SPED)),* għaliex l-istess Qorti sostniet li dawn jirregolaw l-iżvilupp b'mod ġenerali u li s-sit propost għar-rilokazzjoni huwa indikat fil-pjan lokali. Il-Kunsill ritrattand jissottometti li b'hekk il-Qorti naqset milli tapplika l-provvedimenti tal-iSPED, liema Strateġija hija wara kollox il-pjan regulatur proprju, u li għandha tiġi applikata b'mod strett. Hawn il-Kunsill ritrattand jagħmel riferiment għal żewġ sentenzi[1] ta' din il-Qorti in sostenn tal-argument tiegħu li l-iSPED għandu jiġi applikat *ad unguem,* u jirrileva li minflok il-Qorti applikat dawk il-provvedimenti tal-Pjan ta' Struttura li m'għadhomx applikabbli, flimkien mal-provvedimenti ineżistenti tal-Pjan Lokali viġenti u prinċipji suġġettivi. Ikompli jispjega x'inhuma l-limitazzjonijiet għall-iżvilupp inkwistjoni li jinstabu fl-iSPED u liema provvedimenti tiegħu huma applikabbli għall-każ odjern.

12. It-tieni lment tal-Kunsill ritrattand taħt dan il-kap huwa li din il-Qorti applikat il-prinċipju *'de minimis'* minflok il-provvedimenti tal-*Policy NHRL 01* tal-Pjan Lokali North Harbour Local Plan, li ma tippermettix diverġenza mit-termini ċari tagħha. Jiċċita l-Artikolu 9.4 ta' dik il-*Policy* wara li jargumenta li l-użu ta' pompa tal-*fuel* mhuwiex komplimentarju mal-funzjoni ta' spazju pubbliku miftuħ jew żona għall-i*sports* kif jipprovdi l-para. (ii) ta' dak l-Artikolu. Fil-każ odjern, parti tas-sit intiż għar-rilokazzjoni tal-pompa tal-*fuel,* kienet immarkata bl-aħdar fuq il-pjanta TG1 bħala *'public open space', u* dan il-fatt

[1] Birdlife Malta *vs.* Awtorità tal-Ippjanar, P.A., 28.11.2019; Bicycle Advocacy Group et *vs.* Awtorità tal-Ippjanar, 12.02.2020.

kien ġie rikonoxxut minn din il-Qorti, iżda minn hemm xorta waħda għaddiet sabiex tapplika l-prinċipju suċitat ta' *de minimis* minflok il-*policy* u l-pjan speċifiku applikabbli għal dik il-lokalità. Isostni li ċirka tlieta u erbgħin metri kwadri f'lokalità fejn l-ispazju pubbliku u rikreattiv huwa limitat, ser jippreġudika sew il-komunità. Jagħlaq billi jissottometti li fil-każ odjern stante li l-leġiżlatur ma pprova għall-ebda limitu ta' metraġġ, dan ried li l-*Policy NHRL* 01 tiġi applikata kif inhi.

13. It-tielet ilment tal-Kunsill ritrattand huwa li l-Qorti m'applikatx il-*Fuel Station Policy 2015* u b'hekk għadda sabiex jispjega dawk il-provvdimenti li jsostni kellhom jiġu mħarsa. Ikompli jispjega li fil-każ odjern ma kienx sar l-eżerċizzju ta' assessjar ta' siti oħra alternattivi, saħansitra s-sit propost kien eqreb minn 500 metru mill-eqreb pompa li kien ipprojbit skont il-para. 5.4 ta' dik il-*Policy.* Il-Kunsill ritrattand jirrileva li l-Qorti għażlet li ma tapplikax din il-*Policy* u ċċita l-parti rilevanti mis-sentenza tal-appell fejn intqal li *"...dak li jingħad f'paragrafu 4.3a tal-Fuel Station Policy 2015 ma jistax jittieħed inkonsiderazzjoni f'sitwazzjoni simili li hi indirizzata ad hoc fil-pjan lokali li għadu viġenti".* Isostni li jekk kien hemm dispożizzjonijiet *ad hoc* fil-pjan lokali, xorta waħda kellhom jiġu applikati l-provvedimenti tal-*Fuel Station Policy 2015* stante li din kienet tipprovdi li l-provvedimenti tagħha jissorvolaw kull *policy* dwar l-ippjanar li ġiet approvata qabilha u jiċċita l-para. 11 tagħha in sostenn tal-argument tiegħu, filwaqt li jgħid li din il-Qorti kienet tenuta tapplika l-paragrafi 4.2, 4.3a, 4.3bii, 4.3bvii, 4.3c u 5.4.

14. L-Awtorità ritrattata għal dak li jirrigwarda l-ewwel ilment tal-Kunsill ritrattand, filwaqt li tagħraf li l-iSPED jieħu preċedenza fuq kull regolament u

*policy* ta' ppjanar, dan jipprovdi għal prinċipji ġenerali li fuqhom imbagħad għandhom isiru r-regolamenti u l-*policies* tal-ippjanar li jirregolaw fid-dettall l-iżvilupp u fl-istess ħin jirriflettu l-prinċipji ġenerali tal-iSPED. L-Awtorità ritrattata tirrileva li fil-każ odjern il-Qorti kienet interpretat il-prinċipji tal-iSPED kif ċitati mill-Kunsill ritrattand stess, u stqarret li l-prinċipji ċitati ma kinux qed jinkisru stante li r-rilokazzjoni tal-pompa kienet ilha maħsuba kif indikat fuq il-*Local Plan Policy Map.* Għalhekk dak li kien qed jitlob il-Kunsill ritrattand huwa li ssir interpretazzjoni mill-ġdid ta' fatti u prinċipji tal-iSPED, li diġà kkonsidratu din il-Qorti fis-sentenza tal-appell. Tirrileva wkoll li skont l-artikolu 816 tal-Kap. 12, għandu jissemma l-artikolu tal-liġi li kellu jiġi applikat u għalhekk ma kinux jeżistu l-estremi tal-para. (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12. Dwar it-tieni u t-tielet ilmenti fejn il-Kunsill ritrattand qed jilmenta mill-applikazzjoni tal-prinċipju *"de minimis"* u li ma ġietx applikata l-*Fuel Station Policy,* l-Awtorità ritratta tgħid li kif diġà rriteniet fir-rigward tal-ilment ta' qabel, ġaladarba dan huwa punt li l-Qorti kkonsidrat fis-sentenza tal-appell, ma jistax jingħad li hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, iżda interpretazzjoni diversa tal-liġi korretta. Dan joħroġ ċar meta l-Kunsill jinsisti li kellha tiġi applikata l-*Policy NHRL 01* u mhux il-prinċipju *de minimis.* Tkompli tgħid li l-Qorti kienet interpretat il-*Fuel Station Policy* fl-isfond tal-fatti tal-każ u mhux applikat il-liġi ħażin u għalhekk ma setax jitressaq rikors ta' ritrattazzjoni.

15. Il-kjamat fil-kawża ritrattat jissottometti li hawnhekk huwa kien ser jistrieħ fuq il-ġurisprudenza. Jissottometti wkoll li l-interpretazzjoni li għamlet il-Qorti fis-sentenza tal-appell ma kinitx waħda sindakabbli permezz tal-proċeduri odjerni, liema interpretazzjoni wara kollox kienet waħda tajba. Iżda

din il-Qorti kellha toqgħod attenta u tagħraf li l-Kunsill ritrattand qed jistedinha tagħmel riapprezzament tal-fatti. Fil-każ odjern il-Qorti kienet iddeċidiet li l-prinċipji enunċjati mill-Kunsill ritrattand ma kinux qegħdin jinkisru, u dan kuntrarjament għal dak allegat mill-istess Kunsill ritrattand. Jissottometti li wara kollox il-*policies* u r-regolamenti kienu ġew formolati u bbażati fuq il-prinċipji enunċjati mill-iSPED u r-raġuni li kien qed iressaq il-Kunsill ritrattand għat-talba ta' ritrattazzjoni hija għalkollox kontradittorja. Għal dak li kien jirrigwarda l-ilment li ma kinitx ġiet applikata l-*Fuel Station Policy 2015,* il-kjamat fil-kawża ritrattat jissottometti li l-Qorti kienet ikkonsidrat l-istess meta ttrattat ir-raba' u s-sitt aggravju tal-Kunsill ritrattand.

16. Il-Qorti tibda billi tikkonsidra li l-para. (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għal lok ta' ritrattazzjoni ta' sentenza ta' qorti tal-appell:

> *"(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;*
>
> *għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni".*

Imbagħad l-artikolu 816 ikompli jgħid li *"...meta r-raġuni hija l-applikazjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata".*

17. Issa fil-każ odjern, il-Kunsill ritrattand qed jikkontendi li l-Qorti (a) m'applikatx il-provvedimenti tal-iSPED u minflok applikat dawk rilevanti fil-Pjan ta' Struttura li ma kienx applikabbli, provvedimenti oħra ineżistenti tal-Pjan Lokali u kunċetti u prinċipji suġġettivi; (b) m'applikatax il-provvedimenti

tal-Pjan Lokali u in partikolari dawk kontenuti fil-*Policy NHRL 01,* u minflok applikat il-prinċipju *de minimis;* u (ċ) għażlet li ma tapplikax il-*Fuel Station Policy 2015,* u minflok applikat dak li kien jipprovdi għalih il-Pjan Lokali.

18. Dwar l-ewwel ilment, il-Qorti tgħid li s-sentenza tal-appell hija tajba għaliex fejn hemm *policies* li jittrattaw l-iżvilupp b'mod aktar partikolari u speċifiku, l-applikazzjoni tagħhom għandha tieħu preċedenza fuq l-iSPED, li huwa miktub b'mod aktar ġeneriku sabiex jipprovdi l-qafas u l-parametri tal-*policies* li jinkitbu proprju fuq il-gwida li jagħti l-iSPED. Dan huwa insenjament imsejjes fuq il-prinċipju *lex specialis derogat legi generali*. Għalhekk it-talba tal-Kunsill ritrattand ma tistax tintlaqa'. B'mod kontradittorju l-Kunsill ritrattand jissottometti fit-tielet ilment tiegħu, li l-Qorti kienet tenuta tapplika l-*Fuel Station Policy 2015,* meta hija fil-fatt iddikjarat li *"...dak li jingħad f'paragrafu 4.3a tal-*Fuel Station Policy 2015 *ma jistax jittieħed inkonsiderazzjoni f'sitwazjoni simili li hi indirizzata* ad hoc *fil-Pjan Lokali li għadu viġenti".* Iżda hawnhekk ukoll il-Qorti kienet korretta fl-applikazzjoni tal-Pjan Lokali, senjatament permezz tal-applikazzjoni ta' dak li turi u tipprovdi għalih il-pjanta GT1 *a fol.* 75 tal-atti tas-sentenza tal-appell, f'dan il-każ stante li din kienet saret f'Lulju, 2006, jiġifieri ferm qabel il-*Fuel Station Policy 2015.* L-argument tal-Kunsill ritrattand huwa li din tal-aħħar skont l-Artikolu 11 tagħha tipprovdi li *"in the case of conflict with other planning policies approved before this policy, the provisions of this policy shall prevail"* u għalhekk anki jekk kien hemm dispożizzjonijiet *ad hoc* fil-pjan lokali, kellhom jiġu applikati l-provvedimenti ta' dik il-*policy.* Iżda l-Qorti tirrileva li l-argument li qed iressaq il-Kunsill ritrattand mhux tajjeb, għaliex l-Artikolu 11 jagħti preċedenza lill-*Fuel*

*Station Policy 2015,* saħansitra fuq kull <u>*policy*</u> oħra li ġiet fis-seħħ qabilha, iżda ma jgħidx l-istess fir-rigward ta' dak li jista' jipprovdi pjan lokali, li fil-każ odjern huwa n-*North Harbour Local Plan,* li jipprovdi għall-pjanta GT1.

19. It-tielet ilment tal-Kunsill ritrattand ukoll mhux ġustifikat. Huwa qed jippretendi li l-Qorti kienet tenuta żżomm mal-*Policy NHRL 01* tal-Pjan Lokali North Harbour Local Plan, li hija applikabbli fir-rigward ta' spazji pubbliċi miftuħa u/jew żoni tal-i*sports,* fejn dawn huma indikati fuq il-pjanta rilevanti GT1, minflok li tapplika l-prinċipju *de minimis*. Iżda l-Qorti tgħid li hawnhekk ukoll ma ssibx l-ilment tal-Kunsill ritrattand ġustifikat, għaliex ma tara l-ebda raġuni għaliex il-prinċipju *de minimis* ma jistax jiġi adoperat taħt l-artikolu 9.4 tal-*Policy NHRL 01,* li kuntrarjament għal dak li qed isostni l-Kunsill ritrattand ma jistax isir. Dan il-Qorti tgħidu għaliex l-imsemmi artikolu jipprovdi għal tliet eċċezzjonijiet fejn il-Qorti qiegħda tagħraf li l-paragrafi (i) u (ii) jistgħu jagħtu lok għal eċċezzjoni, u l-Kunsill ritrattand mhux qed juri li tali eċċezzjonijiet mhumiex applikabbli fil-każ odjern. Wara kollox il-Kunsill ritrattand stess qed jgħid li *"...il-prinċipju* de minimis *normalment japplika meta l-estent tad-diskrepanza jew tal-kwistjoni hija tant żgħira li mhu ħa tagħmel differenza lil ħadd jekk tiġi applikata".* Il-Qorti tikkonsidra li għall-kuntrarju għal dak li l-Kunsill ritrattand qed jikkontendi, spazju ta' ċirka 43 metru kwadru mhuwiex ser jagħmel wisq differenza għall-kobor o meno tal-ispazji pubbliċi miftuħa f'din il-lokalità, b'mod li n-nuqqas tiegħu ser jkollu impatt sostanzjali fuq l-attivitajiet ta' kwalunkwe xorta f'din il-lokalità. Għalhekk kien opportun li jiġi applikat dan il-prinċipju għall-każ odjern.

*Żball*

20. Il-Kunsill ritrattand jinsisti li l-Qorti żbaljat meta qalet li s-sit huwa indikat/kommess fil-Pjan Lokali. Jinsisti li dan il-Qorti tgħidu diversi drabi fis-sentenza tal-appell, u qed jallega li konsegwentement għandu dritt li jitlob li s-sentenza tal-appell tiġi revokata. Il-Kunsill ritrattand jispjega li ma hemm ebda sit, *policy* jew pjanta li turi li l-pompa tal-*fuel* għandha tiġi rilokata proprju fis-sit partikolari. Ikompli jispjega wkoll li fuq il-pjanta GT1 is-sit propost għal rilokazzjoni huwa muri bl-aħdar, u b'hekk bħala *Public Open Space* tapplika l-*Policy NHRL 01* kif diġà spjega, filwaqt li parti oħra minnha hija murija bl-abjad fejn ma hemm l-ebda leġġenda jew *policy* abbinata u għaldaqstant applikabbli. B'hekk jinsisti wkoll li m'hemm l-ebda "*commitment*" jew sit riżervat għall-pompa tal-*fuel*. Fid-dawl tal-prinċipju *ubi lex voluit lex dicit,* il-Kunsill ritrattand jissottometti li jekk il-leġiżlatur ried iżomm xi sit għall-imsemmija pompa tal-*fuel,* dan kien jagħmlu fil-Pjan Lokali u għalhekk m'għandhiex tiġi sostitwita r-rieda tal-leġiżlatur b'mod li m'hemm l-ebda sostenn fil-Pjan Lokali msemmi. Barra minn hekk meta l-Qorti qalet li "*r-rilokazzjoni kienet ġiet indirizzata mill-awtoritajiet konċernati",* din kienet żbaljata għaliex ma kien jirriżulta l-ebda intervent leġiżlattiv jew applikazzjoni tal-istess awtoritajiet. Il-Kunsill ritrattand jissottometti li dan huwa żball fattwali u għandu jagħti lok għar-revoka tas-sentenza u għar-ritrattazzjoni tal-kawża a tenur tal-para. (l) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12.

21. L-Awtorità ritrattata tikkontendi li l-Qorti ma wettqet l-ebda żball. Tgħid li (1) il-fatt ikkontestat ġie interpretat mill-Qorti wara li qieset il-fatti tal-każ u l-fatt li hija kkostatat li fil-pjanta tal-Pjan Lokali hemm indikat żona riservata

għar-rilokazzjoni tal-pompa tal-*fuel,* ma kien jikkostitwixxi l-ebda żball *ai termini* tal-para. (l) tal-artikolu 811 tal-artikolu 12; (2) sabiex tirnexxi l-azzjoni kien jeħtieġ li l-punt qatt ma tressaq quddiem il-Qorti, iżda fil-każ odjern il-punt tressaq u anki ġie deċiż fis-sentenza impunjata.

22. Anki l-kjamat fil-kawża ritrattat jikkontesta s-sottomissjonijiet magħmula mill-Kunsill ritrattand. Huwa jagħmel riferiment ampju għall-ġurisprudenza tal-qrati tal-appell, u jirrileva li l-Qorti evalwat u saħqet fuq il-fatti li fil-Pjan Lokali hemm indikat żona riservata sabiex tiġi rilokata l-pompa tal-*fuel.* B'hekk it-talba tal-Kunsill ritrattand kif imsejsa fuq il-para. (l) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 ma kellhiex tintlaqa'.

23. Il-Qorti tibda billi tiċċita li l-para. (1) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, li jaqra hekk:

> *"(1) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*
>
> *Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza"*

24. Il-Kunsill ritrattand jikkontendi li l-Qorti għamlet żball meta qalet li:

> *"F'dan il-każ ir-rilokazzjoni ħlief għal parti żgħira, qed issir f'żona fejn ilu pjanat u proġettat għal dan l-iskop għal circa għoxrin sena u hu indikat fil-pjan lokali bl-esklużjoni tiegħu bħala parti mill-*public open space*",*

u dan għaliex fil-pjan lokali għal dik il-lokalità, li huwa n-*North Harbour Local Plan,* ma kien hemm l-ebda sit, *policy* jew pjanta li jindikaw jew juru li l-pompa tal-*fuel* għandha tiġi rilokata għas-sit inkwistjoni. Iżda kif sewwa tirrileva l-Awtorità ritrattata, il-fatt li s-sit propost għar-rilokazzjoni tal-pompa huwa kommess fil-pjanta tal-Pjan Lokali, ġie interpretat u deċiż mill-Qorti hekk kif kienet qiegħda tittratta l-ewwel aggravju tiegħu. Fil-fatt mill-ewwel stqarret li l-Kunsill ritrattand ma kienx korrett rigward il-fatti li fuqhom huwa kien bena l-aggravju tiegħu, u minn hemm hija tgħaddi sabiex tispjega kif il-fatti kienu juru mod ieħor u b'hekk iddeċidiet punt ikkontestat li fuqu tistrieħ il-vertenza bejn il-partijiet. Għalhekk għall-fini tal-para. (1) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, l-iżball lamentat mhuwa żball xejn, iżda huwa kwistjoni li ġiet deċiża mill-Qorti b'mod li ma tiffavorix dak li qed isostni l-Kunsill ritrattand.

*Sejba ta' dokument deċiżiv*

25. Il-Kunsill ritrattand jirrileva li hemm raġuni oħra għaliex is-sentenza impunjata għandha tiġi revokata u l-kawża tiġi ritrattata, u din kienet is-sejbien ta' dokumenti li huwa ma kienx jaf bihom, iżda li kien ikollhom effett deċiżiv fuq il-proċeduri u d-deċiżjoni tal-kawża. Jispjega li t-Tribunal li quddiemu huwa kien ippreżenta appell mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar, kien ġie ppresedut minn Dr Joseph Borg bħala *Chairman,* li sussegwenti għad-data li fiha ngħatat is-sentenza impjunata, kien ġie rrappurat fit-8 ta' Novembru, 2020 fil-gazzetta 'The Times of Malta' li kien, u saħansitra għadu llum, impjegat tal-Awtorità tal-Ippjanar.

26. L-Awtorità ritrattata tirrileva li l-para. (k) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 jirrikjedi li d-dokument mhux biss ikun wieħed deċiżiv, iżda wkoll li l-parti li ma kinitx taf bih għamlet ħilitha sabiex tikseb l-informazzjoni, u minn hawn tgħaddi sabiex tagħmel riferiment għall-ġurisprudenza fil-materja in sostenn tal-argument tagħha. Tisħaq li fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza (a) id-dokument ma kienx wieħed deċiżiv għaliex hija proprju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li qed tiġi impunjata u mhux id-deċiżjoni tat-Tribunal; (b) id-dokument mhux *"determinanti fuq il-qofol tal-kwestjoni li s-sentenza impunjata tkun stħarrġet";* u (ċ) il-Kunsill ritrattand kellu l-mezzi neċessarji a dispożizzjoni tiegħu sabiex isir jaf bl-imsemmi dokumenti *ai termini* tal-Kap. 496.

27. Dwar it-talba tal-Kunsill ritrattand kif imsejsa fuq il-para. (k) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, il-kjamat fil-kawża ritrattat isostni li sabiex tingħata r-ritrattazzjoni abbażi ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, irid ikun il-każ li l-prova ma setgħetx tiġi esebita qabel jew li l-produzzjoni tagħha kienet diffiċli ferm. Fil-każ odjern, il-Kunsill ritrattand seta' faċilment minn sempliċi riċerka jsib dak li huwa qed jirrapporta. Dan kollu l-kjamat fil-kawża ritrattat jgħidu filwaqt li jagħmel riferiment għal diversi sentenzi tal-qrati tagħna sabiex jissostanzja l-argumenti tiegħu. Mingħajr preġudizzju għal dan kollu, huwa jissottometti li l-fatt li Joseph Borg kien ukoll impjegat fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar ma kienx ifisser preġudizzju lejn il-prinċipju tal-imparzjalità tal-ġudizzju għaliex kwalunkwe deċiżjoni u/jew arrangament, dejjem osservat il-liġijiet viġenti u l-prinċipji relattivi.

Il-Qorti tikkonsidra li l-para. (k) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 jipprovdi dan li ġej:

> *"(k) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deċiżiv, u li l-parti li ġġibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li tagħti l-liġi, ma setgħatx iġġibu, qabel dik is-sentenza;"*

28. Din il-Qorti hawnhekk ukoll ma ssibx li t-talba tal-Kunsill ritrattat hija ġustifikata kif imsejsa. Tqis li d-dokument huwa nieqes mill-element deċiżiv rikjest mil-liġi għaliex ma setax ikun ta' utilità fid-deċiżjoni tal-kwistjoni minn din il-Qorti, liema kwistjoni hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet tal-pjanijiet u *policies* tal-ippjanar. Għalhekk is-sejbien tiegħu ma jistax ixejjen il-ħsibijiet u d-deċiżjoni ta' din il-Qorti, u dan tgħidu filwaqt li tirrileva li dawn il-proċeduri mhumiex il-proċeduri adattati sabiex jitressaq l-ilment dwar nuqqas ta' smigħ xieraq li l-Kunsill ritrattand qed isejjes fuq l-informazzjoni żvelata fid-dokument.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, l-Qorti tiddeċiedi dwar ir-rikors tal-Kunsill ritrattand, billi tiċħdu bl-ispejjeż kontrih.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**